MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 464/2010/1

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Marion Mercieca u l-istess Marion Mercieca**

**vs**

**Awtorita` għat-Trasport f'Malta u Schembri Infrastructures Limited (C-17388)**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012 ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kaweza fl-ismijiet premesssi:-

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors tar-rikorrentiipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tnejn (2) ta' Novembru 2010, fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbat elef, tmien mija u hamsa u disghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€4,895.95), rapprezentanti danni u spejjez imhallsa mis-socjeta' attrici b'rizultat tal-polza ta' assikurazzjoni f'isem Marion Mercieca, in konnessjoni mad-danni kkagunati fil-proprjeta' ta' Marion Mercieca, gewwa Flat 1, 85, Birkirkara Hill, San Giljan fl-ewwel (1) ta' Ottubru 2008.*

*Bl-imghax mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu 2009 u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-sittax (16) ta' Settembru 2010, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.*

*Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta pprezentata minnha fl-ewwel (1) ta' Dicembru, 2010 fejn eccepixxiet bir-rispett:*

*"Illi l-Awtorita' konvenuta tirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet migjuba kontriha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi in linja preliminari l-Awtorita' konvenuta m'ghandha ebda locus standi f'din il-kawza u dana stante li l-kuntrattur intimat li kien gie mqabbad mill-istess Awtorita' sabiex isiru xogholijiet gewwa Triq Albert Mayr, intrabat bil-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt maghruf bhala 'Period Contract for Road Works'. Ghaldaqstant, dana l-kuntratt holoq relazzjoni guridiku bejn l-istess kuntrattur u t-terz li qed jallega li sarulu danni fil-proprjeta' tieghu. Ghalhekk l-Awtorita' konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll in linja preliminari, l-Awtorita' konvenuta mhix il-legittimu kuntradittur u dana peress illi kien jinkombi fuq il-*

*kuntrattur intimat li jaqdi d-dmirijiet kuntrattwali tieghu u li jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex terzi persuni ma jgarrbux ebda danni. Ghalhekk l-Awtorita' konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni u l-hsara allegatament sofferti ma grawx minhabba xi ghemil jew nuqqas ta' l-Awtorita' mittenti izda graw bhala rizultat ta' kaz fortwitu jew forza magguri.*

*Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, sfortunatament din hija kwistjoni ta' casus.*

*Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' konvenuta diga' infurmat lill-atturi bil-posizzjoni taghha f'din il-kwistjoni u ghalhekk l-atturi ghandhom ibaghtu l-ispejjez kollha relattivi.*

*Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni pretizi huma eccessivi u jehtieg li jigu ppruvati.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi, inkluzi l-ispejjez koncernanti r-risposta ta' l-Awtorita' konvenuta ghall-ittra ufficjali ta' l-atturi datata 1 ta' Ottubru 2010 u notifikata lilhom fis-6 ta' Ottubru 2010."*

*Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Schembri Infrastructures Limited ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Novembru 2010 fejn eccepiet:*

*‘Illi fil-konfront taghha d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi l-incident mertu ta’ din il-kawza, la l-eccipjenti u lanqas ufficjali u impjegati taghha ma kellha ebda htija.*

*Salv kull eccezzjoni ulterjuri.’*

*Rat illi* ***Bernard Farrugia*** *xehed fid-dsatax (19) ta’ Jannar 2011 u kkonferma li huwa jahdem mas-socjeta’ Resolt Cunsulting Ltd. Huwa qal li kien gie mqabbad mis-socjeta’ attrici nhar l-ewwel (1) ta’ Ottubru 2008 sabiex jara c-cirkostanzi tad-danni li soffriet Marion Mercieca li toqghod 85, Flat 1, Birkirkara Hill, St. Julians, u fil-fatt qal li kien ghamel xi erbgha (4) spezzjonijiet. Ikkonferma illi l-appartament ta’ Mrs. Mercieca kien imtela’ bl-ilma u bit-tajn u qal li dak inhar kien hemm maltempata.*

*Ix-xhud spjega li fuq wara ta’ l-appartament ta’ Mrs. Mercieca hemm sqaq u go dan l-isqaq kien qed isiru xi xogholijiet liema xogholijiet kienu gew imqabbdin mis-socjeta’ konvenuta l-Awtorita’ tat-Transport Malta. It-triq ta’ wara dawn l-appartamenti kienet maqlugha u ghalhekk l-ilma tax-xita ma kellux fejn imur u bhala rizultat dahal gol-proprjeta’ tas-sinjura Mercieca. Huwa esebixxa r-rapport tieghu flimkien ma’ serie ta’ dokumenti li gew mmarkati minn Dok. BF 1 sa Dok. BF 14 rispettivament, kif ukoll sett iehor li gew immarkati Dok. AM 1 sa Dok. AM 9.*

*Huwa spjega illi Dokument AM 3 huwa r-rapport tieghu preliminari waqt li Dokument AM 4 huwa r-rapport finali tieghu. Zied li ghall-ewwel spezzjoni li kien ghamel, ma kellux f’idejh l-istimi relattivi, kien ikkonkluda illi l-hsarat kienu jammontaw ghal sitt elef (6,000) Ewro. Pero’ in segwitu kien talab lis-sinjura Mercieca sabiex tipprezenta l-claim u ggib stimi relattivi. Ikkonferma li l-claim taghha kien jammonta ghal tmint elef, erba’ mija, hamsa u sebghin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€8,475.51) u din it-talba kienet sostnuta bid-dokumenti esebiti fl-atti markati bhala Dokument BF 2 sa Dokument BF 14 rispettivament.*

*Ix-xhud sostna illi kien hemm diskussjonijiet mas-sinjura Mercieca, u huwa vverifika l-ircevuti li gie moghti. Sussegwentement huwa rranga l-claim tieghu skont il-*

*kondizzjonijiet tal-polza li kellha l-istess Sinjura Mercieca u waslu f'settlement f'somma ta' erbat elef, erba' mija u tmintax-il Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€4,418.51). Dan ghaliex kien hemm certu affarijiet illi s-sinjura Mercieca riedet gdid mill-bidu u huma fil-fatt biddluhomlha flok ma tawha kumpens. Dan ghaliex jekk kien hemm xi affarijiet li kellhom ftit hsara, is-sinjura Mercieca qablet li zzomm dawn l-oggetti u nghatat kumpens ghall-hsara li sofriet. Is-somma finali li ftehmu dwarha kienet giet offruta lilha minnu u dina kienet giet accettata. Dwar dan hemm referenza ghalih fid-Dokument AM 4. Ikkonferma li Dokument AM 6 huwa l-kont mahrug minnu tas-servizz li huwa ta u li sussegwentement kien thallas mis-socjeta' attrici kif jirrizulta mill-ircevuta esebita u mmarkata bhala Dokument AM 7.*

*In kontro-ezami mistoqsi kif sar jaf illi x-xogholijiet li kienu qed isiru fis-sqaq ta' wara kienu qed isiru effettivament mill-Awtorita' ta' Trasport Malta, qal li huwa staqsa lil Mrs Mercieca u sussegwentement kien anke indaga mal-MEPA, u sab il-permess relattiv ghax-xogholijiet li kienu qeghdin isiru u kkonkluda dak li kkonkluda. Huwa kien tkellem ma' xi dirigenti tal-Malta Transport Authority. Il-permess huwa rah, kien anke tkellem mal-perit Conti ghan-nom tal-Malta Transport Authority u ghandu wkoll xi dokumentazzjoni moghtija lilu mill-ADT. Huwa esebixxa d-dokumentazzjoni li rcieva mil-ADT liema dokumentazzjoni giet mmarkata bhala Dokument Z.*

*Ix-xhud zied jghid li ikkonkluda illi l-hsarat kienu kkagunati minhabba xogholijiet li kienu qed isiru ghaliex kienet kwistjoni vizibbli u hass li kien kompetenti li jaghmel dan il-gudizzju. Ikkonferma illi huwa ilu jahdem dan ix-xoghol ghal diversi snin ma' diversi kumpaniji. Qal li ha diversi ritratti ta' dak li kien ra fl-ispezzjoni tieghu. Ikkonkluda illi l-hsara saret peress li t-triq ta' wara damet hafna mikxufa u kien hemm perkolazzjoni ta' l-ilma minn hemm.*

*Rat illi **Bernard Farrugia** rega' xehed fid-disgha (9) ta Marzu 2011 fejn ghamel referenza ghas-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar 2011 fejn kien iprometta li jesebixxi numru ta' ritratti li gew mehuda minnu dakinhar li huwa ghamel l-ispezzjoni fuq il-post in kwistjoni. Huwa esebixxa kopja ta' dawn ir-ritratti liema ritratti gew immarkati komplessivament bhala Dokument Z.*

***Alan Micallef,*** *prodott mis-socjeta' attrici, xehed fid-19 ta' Jannar 2011 u stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta' Claims Executive mas-socjeta' attrici. Huwa gie muri sett dokumenti esebiti f'dawn l-atti mmarkati bhala Dokument BF 1 sa Dokument BF 14 kif ukoll Dokument AM 1 sa Dokument AM 9 u kkonferma li dawn jirriflettu l-claim file li ghandhom. Dawn jikkonsistu bazikament fil-claim form relattiv tal-klijent, ir-rapport li ghandu Nazzju Farrugia, il-loss adjuster li nnominaw f'dan il-kaz kif ukoll ir-rapport preliminari Dokument AM 3 u dak finali Dokument AM 4. Id-discharge subrogation iffirmata mill-klijenta, il-hlas li sar lil klijent gie mmarkat bhala Dokument AM 5, il-kont mibghut lilhom immarkat bhala Dokument AM 6 u l-ircevuta relattiva tal-hlas li sar bhala AM 7. Hemm ukoll kopji ta' pagamenti li saru kemm lill-klijenta kif ukoll lil Brian Farrugia. Esebit kien hemm ukoll kopja tal-polza, tax-schedule li l-klijenta kellha maghhom dakinhar ta' l-incident, meta gew sofferti l-losses.*

*Rat illi* ***Marion Mercieca*** *xehdet nhar id-9 ta' Marzu 2011 u kkonfermat li hija toqghod fi Flat 1, numru 85, Birkirkara Hill, St. Julians u li ghandha polza tas-sigurta' mas-socjeta' attrici. Hija qalet li kienet ghamlet claim mas-socjeta' attrici wara li kien ghamel hafna maltemp Malta u meta kienet qamet ghax-xoghol normali fil-ghodu sabet d-dar mgharrqa kollha bl-ilma bit-tajn. Naturalment meta rat hekk cemplet lis-socjeta' Atlas Insurance biex tghidilhom dak li kienet sabet u huma baghtu rapprezentant taghhom biex jaraw is-sitwazzjoni kif kienet. Murija d-dokument Z konsistenti f'numru ta' ritratti tikkonferma li dawk huma ritratti tad-dar taghha u murija d-dokument immarkat Dokument AM 5 a fol 40 tal-process tenniet li dak huwa d-dokument li ffirmat meta ghaddiet id-drittijiet taghha lis-socjeta' attrici u fuq dan id-dokument gharfet il-firma taghha. Murija xi ritratti ohra li jinsabu a fol. 37 et seq. tal-process, hi kkonfermat li dawk huma ritratti li jirreferu ghall-incident in kwistjoni wkoll. Spjegat ukoll li d-Dokumenti BF 1 sa BF 14 esebiti f'dawn l-atti a fol. 15 sa 30 huma l-claim form u l-invoices li hija ghaddiet lill-istess socjeta' attrici.*

***Il-Perit Antoinette Conti*** *xehdet nhar it-12 ta' April 2011 fejn ddikjarat li hi tokkupa l-kariga ta' Assistant Manager mal-Awtorita' tat-Trasport Malta. Hija kkonfermat li taf xi haga dwar Triq Albert Mayr. Din kienet tifforma parti minn period contract for road works flimkien ma' numru ta' toroq ohra fl-istess inhawi. Qalet li dawn kienu jiffurmaw parti minn kuntratt li Transport Malta ma' Schembri Infrastructures. Ikkonfermat li kien hemm kuntratt kif ukoll il-permessi relattivi biex isiru x-xogholijiet in kwistjoni. Hija promettiet li tesebixxi kopja ta' dan il-kuntratt fis-seduta li kien imiss*

*dwar ir-relazzjonijiet tal-Awtorita' tat-Trasport Malta ma' Schembri Infrastructures Limited.*

*Rat illi* ***l-Perit Antoinette Conti*** *regghet xehdet nhar il-hamsa (5) ta' Mejju 2011 fejn esebiet il-kuntratt dwar ir-relazzjoni tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ma' Schembri Infrastructures Ltd. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument ADT. Mistoqsija jekk qattx tkellmet ma' Marion Mercieca dwar din il-kwistjoni, hija wiegbet li qatt ma tkellmet maghha. Ix-xhud kienet project manager inkarigata mix-xoghol li kien qed isir fi Triq Albert Mayr. Meta giet mistoqsija mill-Qorti jekk kienx hemm xi claims ohrajn dwar il-hsarat, hija qalet li le ma kienx hemm. L-Awtorita' kienet saret taf dwar il-claims tal-insurance fit-tlieta (3) ta' Novembru 2008 meta rceviet ittra minghand l-Atlas. Mistoqsija jekk kienux infurmaw lill-kuntrattur in kwistjoni Schembri Infrastructures Ltd., hija wiegbet illi iva hekk kienu ghamlu. Ix-xoghol qalet li kellu jibda fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007). Dan kellu jitlesta fi zmien tnax-il gimgha. Dan nonostante, Triq Mayr tlestiet f'Ottubru ta' l-elfejn u tmienja (2008).*

*Hija qalet ukoll li f'dan il-kuntratt irrizulta li Triq Mayr kienet wahda minn erba' toroq ohra. Hija sostniet li l-kuntrattur kien beda bit-toroq 'l ohra u ma kienx ghadu ghamel Triq Mayr. Fil-fatt kienu kitbu diversi drabi lill-kuntrattur biex isaqsuh ghalfejn effettivament ma kienx ghadu ghamel Triq Mayr u kienu sahansitra nfurmawh illi jekk ma kienx ser ilesti fiz-zmien moghti lilu, kienu ser jehlu l-penali msemmija fil-kuntratt. Peress li hawn din il-kawza pendenti, huma waqqfu l-pagamenti lill-kuntrattur u ghalhekk il-penali lanqas ma gie affettwat. Il-Perit Conti esebiet kopja tal-emails li huma baghtu lill-kuntrattur relatati max-xoghol li kellu jsir dwar Triq Mayr u dawn gew immarkati komplessivament bhala Dokument ADT 1. Hemm ukoll il-korrispondenza mibghuta lilhom mill-istess kuntrattur. Huma bhala Transport Malta, m'ghandhomx bzonn permessi mill-MEPA meta jsiru x-xogholijiet fit-toroq residenzjali. Jinhareg biss permess mill-Malta Transport bhal ma hu f'dan il-kaz. Ix-xhud taf li meta bdew ix-xogholijiet, marret il-MEPA u ghamlet enforcement. Qalet li kien hemm proposti fil-pjanti illi kellu jinbena' xi tarag f'nofs ta' triq u Transport Malta indunat waqt li kienet qed taghmel xogholijiet fit-triq illi kien hemm persuna li kellha permess tiftah garaxx ghal din l-istess triq, propju fejn kellu jigi nstallat it-tarag. L-enforcement kienet harget fil-konfront ta' Transport Malta ghax ma kinux qeghdin jaghmlu tarag skond l-iskizz. Huma wiegbu ghal dan l-enforcement tal-MEPA*

*u minn dak inhar ma semaw xejn aktar mill-MEPA. Hija kkonfermat li sal-lum il-gurnata t-tarag mhux qieghed hemmhekk.*

*Mistoqsija jekk l-enforcement ghadux in vigore, hija wiegbet illi le, ma tahsibx. Hija fil-fehma taghha, l-enforcement mill-MEPA hareg ghalxejn. Esebiet kopja tal-enforcement li giet mmarkata mill-Qorti bhala Dokument ADT 2 mad-dokumenti relattiva ghal dan l-enforcement. It-triq in kwistjoni kienet wahda formata u kellha wicc tal-konkrit u li kienet b'wiccha ghan-nizla. It-triq kellha slope qawwija hafna. Qalet li huma zammew l-istess livelli li kien hemm qabel pero' ghamlu wicc gdid tal-konkrit. Hija xtaqet tghid li din it-triq Albert Mayr taqa' biss taht ir-responsabilta' tal-kunsill lokali.*

*In kontro ezami ix-xhud qalet li l-enforcement in kwistjoni hareg fit-18 ta' Settembru elfejn u tmienja (2008). Mistoqsija jekk effettivament dan l-enforcement giex revokat, hija qalet li ma tafx ezattament kif tahdem il-MEPA fil-kaz ta' enforcement. Skond il-current enforcement status mahrug mill-website tal-planning, hija qalet li kien hemm miktub illi l-s-sid ... structure removed by owner. Hija fehmet illi allura ma baqax skop ghal dan l-enforcement. Mistoqsi min hu s-sid, qalet li ma tafx u ma tistax tghid lanqas meta s-sid ghamel dak li gie mitlub minnu. Mistoqsija jekk huma tkellmux ma' xi rappresentant tal-MEPA, hija qalet li effettivament iva, hija personalment kienet tkellmet on site ma' Suzanne Sammut ghan-nom tad-Direttorat tal-Ippjanar, lejliet qabel ma kien hareg l-enforcement in kwistjoni jekk mhix sejra zball. Ix-xhud qalet li baghtet ir-risposta taghha permezz ta' l-ittra esebita f'dawn l-atti datata sitta (6) ta' Ottubru elfejn u tmienja (2008). Hija sostniet li qatt ma rat notice ta' dan l-infurzar.*

*Giet mistoqsija min hu responsabbli ghal permessi, hija qalet li skond il-kuntratt huwa l-kuntrattur. Pero' dwar responsabilita' mal-MEPA huwa Transport Malta responsabbli. Bhala procedura, meta jkun hemm bzonn permessi mill-MEPA, tkun l-istess Awtorita' li tapplika ghaliha. F'dan il-kaz ma kienx hemm bzonn permessi mill-MEPA u allura ma saret l-ebda applikazzjoni ghal dan il-ghan.*

*Ix-xhud giet mistoqsija wkoll jekk hija kinitx marret fuq il-post qabel ma' effettivament bdew ix-xogholijiet, hija qalet li iva, kienet marret. Naturalment anke*

*waqt li kien qed isir ix-xogholijiet. Jekk hi ma kinitx tmur kuljum, kien ikun hemm ufficjal tekniku min-naha tal-awtorita'. Hija kkonfermat li piu' o meno kienet tmur darbtejn fil-gimgha waqt li kienu qeghdin isiru x-xogholijiet. Xtaqet tghid li waqt li kienet tmur fuq is-sit in kwistjoni, hija ma ndunatx li kien hemm xi hsarat li kienu qed jigu kkawzati minn terzi. Ix-xogholijiet fi Triq Mayer bdew f'Settembru ta' l-elfejn u tmienja (2008). Ezattament meta spiccaw ma setghetx tghid, pero' taf li kien xi jum f'Ottubru tal-elfejn u tmienja (2008) u cioe' fl-ahhar tax-xahar. Meta bdew ezattament setghet tivverifika mill-file. Hija qalet ukoll li s-sistema generali hija hekk, fis-sens ta' ligi: illi jekk ikun hemm triq li ghadha mhix mibnija, dment li ma tkunx mibnija bil-livelli kif suppost, ghalkemm l-owners ikunu ffurmaw l-istess triq, din tkun responsabbilta' ta' Transport Malta u ghalhekk f'dan il-kaz kien Transport Malta li kienet tibni t-triq ghax kien hemm bzonn ta' livelli. Il-Perit qalet li t-triq kienet iffurmata izda mhux mibnija. Qabel ma' bdew ix-xogholijiet in kwistjoni, kien hemm konkrit. Asfalt qalet li ma kienx hemm. Ikkonfermat li ghad ma hemmx asfalt ghax in-nizla hija wieqfa hafna u ma setghetx tinhadem bl-asfalt. Waqt il-kostruzzjoni, ir-responsabbilta' tal-formulazzjoni tat-triq kienet tat-Transport Malta. Hija riedet tfisser waqt il-kostruzzjoni li kienet qed issir mill-kuntrattur imqabbad mill-istess Transport Malta skond il-ftehim esebit u mmarkat bhala Dokument ADT. Ix-xogholijiet li kienu qed isiru li kienu responsabbilta' tat-Transport Malta saru fuq il-kuntrattur skont l-istess ftehim.*

*Rat illi* ***l-Perit Antoinette Conti*** *xehdet nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, 2011 fejn ikkonfermat li skond ir-records taghha, ix-xogholijiet spiccaw fl-ahhar ta' Ottubru ta' l-istess sena 2008.*

*Rat illi* ***l-Perit David Vassallo*** *xehed nhar il-hamsa (5) ta' Mejju, 2011 u qal li jokkupa l-kariga ta' manager ma' Transport Malta. Huwa kien responsabbli ghax-xogholijiet li kienu qed isiru fit-toroq residenzjali u Triq Albert Mayr kienet wahda minnhom. Qal li ghalhekk il-Perit Conti taqa' taht l-amministrazzjoni tieghu. Huwa kkonferma illi dwar ix-xogholijiet li saru in konnessjoni ta' Triq Mayr, huma kellhom kuntratt maghruf bhala period contract. Dina l-period contract for road works sar mas-socjeta' Schembri Infrastructures Ltd.*

*Ix-xhud xtaq jghid li huma kienu gew imwaqqfa mix-xogholijiet li kienu qeghdin jaghmlu mill-MEPA. Huwa jaf li kienet harget enforcement notice fil-konfront*

*taghhom mill-MEPA. Huwa kien ghamel kuntatt mal-MEPA sabiex jispjegalhom li s-sistema taghhom ma kienu qeghdin jaghmlu xejn kontra l-ligi. Dan nonostante, l-enforcement officer insistiet li tohrog enforcement order li effettivament harget u li x-xoghol kellu jitwaqqaf. Mistoqsi jekk effettivament l-enforcement order li harget fit-tmintax (18) ta' Settembru elfejn u tmienja (2008) gietx revokata, hu qal li eventwalment hekk haseb. Pero' huma ma kienux gew infurmati dwar dan ufficjalment. Hu qal ukoll li apparti din l-issue mal-MEPA, kellhom ukoll issues ohrajn mal-kuntrattur.*

*Il-Perit Vassallo qal li l-obbligi kollha naxxenti mill-kuntratt esebit u mmarkat bhala Dokument ADT, jaghjtu lill-kuntrattur. Fosthom li kellu jaghmel insurance sabiex kwalunkwe diffikulta li jiltaqa' maghha, jwiegeb ghaliha hu. Xtaq jghid ukoll li nonostante li mhux xoghlu, huwa kien mar darba on site wara li nqalghet il-kwistjoni prezenti. Huwa kien tkellem mal-MEPA sabiex jipprova jikkonvincihom sabiex ihalluhom ikomplu bix-xoghol. Huwa ma eskludiex li effettivament kellu xi kuntratt ma' Marion Mercieca. Pero' qal li llum il-gurnata ma jiftakarx jekk kellux jew le. Huwa qal li ma ghamilx spezzjoni personali fil-fond ta' Marion Mercieca.*

*In kontro-ezami x-xhud qal li meta harget l-enforcement notice tal-MEPA, ix-xogholijiet kienu fi stat ta' fazi fejn kienu qed isiru s-civil works u cioe' l-formation u jghaddi s-servizzi tat-triq, mhux l-asfaltar. B'hekk hu ried ifisser li t-triq kienet miftuha u kienet qisha ta' construction site. Huwa jaf li l-enforcement harget fit-tmintax (18) ta' Settembru elfejn u tmienja (2008) pero' kemm kien ilu li beda x-xoghol in kwistjoni ma setghax iwiegeb su due piedi. Pero' qal li qed jitkellem fuq kwistjoni ta' gimghat. Qal li jekk jivverifika mill-file, jirrizultalu d-dati bl-ezatt.*

*Gie mistoqsi jekk hadux rimedji dwar ix-xogholijiet li kienu diga' bdew meta harget l-enforcement qal li ma kinitx responsabbilta' tieghu izda tal-kuntrattur. Qal li ma kellhomx ghalfejn jiehdu kwistjonijiet rimedjarji ghax kienet responsabbilta' tal-kuntrattur li jiehu rimedji. Dan ghax ix-xogholijiet dejjem isiru fix-xhur tax-xitwa u mhux f'dan il-kaz biss. Mistoqsi wkoll jekk jafx jekk il-kuntrattur ghamilx xi kwistjonijiet rimedjarji minn meta rcieva l-enforcement notice, hu qal li ma jafx. Mistoqsi mill-Qorti jekk infurmawx lill-kuntrattur dwar din l-enforcement, huwa qal li effettivament infurmawh. Qal ukoll li fuq dan il-kuntratt kellhom problemi mal-kuntrattur pero' ma kienx jaf jekk kienux limitati ghat-triq in kwistjoni. Fost il-*

*problemi kien hemm anke dak ta' dewmien. Qal li l-esekuzzjoni tal-kuntratt kollu, tal-hames toroq, fis-sens illi kellhom isiru l-hames toroq fiz-zmien stipulat fl-istess kuntratt. Fil-fatt qal li l-kuntrattur waqa' lura fis-schedule. Mistoqsi jekk harigx xi polza ta' sigurta' f'din il-kwistjoni, hu qal il-bord trid tohrog insurance policy biex tohrog il-permess ghax-xoghol. Huwa ma hax hsieb il-kuntratt u allura ma jafx ezattament x'kienet il-polza. Hu ra l-kuntratt esebit fl-atti u qal li effettivament kien hemm public liability policy mal-Elmo Insurance.*

*Rat illi **l-Perit David Vassallo** rega' xehed in kontro-ezami nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, 2011 fejn esebixxa tliet (3) dokumenti. L-ewwel wiehed gie mmarkat bhala Dokument DV li huwa l-kuntratt ta' meta gie moghti l-kuntratt kollu lil Schembri Brothers fl-erbgha (4) ta' Settembru elfejn u sebgha (2007). It-tieni dokument gie mmarkat bhala Dokument DV 1 u huwa Case Officer's Report li jindika meta effettivament beda x-xoghol u cioe' d-19 ta' Awwissu elfejn u tmienja (2008). It-tielet dokument gie mmarkat bhala Dokument DV 2 li juri meta tkejjel ix-xoghol lest, fil-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008).*

*Rat in-nota ta' l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta esebita nhar it-22 ta' Gunju 2001 li permezz taghha esebita kopja ta' ittra rregistrata li ntbghatet lill-kuntrattur Schembri Infrastructures Ltd immarkata bhala Dok TM1 u ripostata' l-Awtorita' konvenuta ghall-ittra ufficjali ta' l-attur li giet immarkata bhala Dok TM2.*

*Rat illi **<u>Edward Schembri</u>** ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' konvenuta Schembri Infrastructures Limited xehed nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Novembru 2011 u kkonferma li kienu rebhu Tender mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex jibnu xi toroq. Fost it-toroq in kwistjoni kien hemm din mertu tal-kawza Triq Albert Mayr. Ix-xoghol kellu jinkludi t-tqeghid ta' mini tal-ilma u kellhom jghaddu xi servizzi, jaghmlu xi bankini, u jaghmlu t-tarmak tat-triq. Spjega li din hija side street bil-bini fuq iz-zewg nahat, izda bankini fuq naha wahda tat-triq biss hemm. Spjega li l-ewwel jghaddu s-servizzi mit-triq, u meta jlestu s-servizzi kollha, imbaghad jaqalghu wicc it-triq. Naturalment qal li biex tghaddi it-trinek trid thaffer il-kanali. Dan kollu sehh fix-xahar ta' Novembru u ghamlet ix-xita normali u l-ilma dahal fil-kanali. Peress li t-triq hija maghmula minn materjal l-ilma ippenetra minn dan il-materjal. Sa fejn jaf hu ppenetra f'din id-dar biss, propjeta' ta' Mercieca. Id-djar pero' f'din it-triq kienu antiki u ma' xulxin, wahda ma' l-ohra.*

*Spjega li l-problema hi li taht il-livell tat-triq hemm il-propjeta' in kwestjoni. Id-dar fejn dahal l-ilma ghandha zewg sulari, wahda mat-triq u l-ohra taht it-triq. Din id-dar ghandha livell fuq diz livell. Huma bdew bix-xoghol bejn wiehed u iehor it-tielet gimgha ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), u taw it-tarmak ta' din it-triq gimghatejn qabel il-Milied tas-sena 2008. Huma ghandhom ritratti tax-xoghol li kienu qed jaghmlu u pprometta li jesebihom fis-seduta li kien imiss, kif ukoll il-logging tax-xogholijiet kif saru. It-triq per se' ma tarax li kien hemm bini taht il-livell tat-triq pero' jekk tmur round the corner tara. Ghalhekk kienu jafu li kellha sular taht it-triq. Ix-xoghol kien qed isir fin-nofs tat-triq. Mistoqsi xi prekawzjonijiet hadu ghax-xita li seghtet nizlet, hu qal li prekawzjoni ghall-ilma tax-xita ma tistax tiehu u ghalhekk ma hadux. Huwa minnu li una volta tikxef, l-ilma jidhol go fih u jinfirex.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'din il-kawza is-socjeta' assikuratrici Atlas Insurance ghan-nom tal-assikurata taghha l-attrici Marion Mercieca qeghda tifittex lis-socjetajiet konvenuti sabiex jigu kkundannati jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-attrici Mercieca fil-proprjeta' taghha f'Birkirkara Hill, San Giljan fl-1 ta' Ottubru 2008 minhabba it-traskuragni fix-xoghol taghhom.*

*Ma hux kontestat li s-socjeta' assikuratrici fil-fatt diga' kkumpensat lill-attrici Marion Mercieca ghad-danni li sofriet skond is-survey report esebit fl-atti fl-ammont ta' erbat elef, erbgha mija u tmintax-il Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€4,418.51) (skond dok AM4). Ghalkemm is-socjeta' attrici halset ukoll is-somma ta' erbgha mija u tnejn u ghoxrin Ewro w erbgha w erbghin centezmu (€422.44) bhala loss adjuster fees waqt li l-attrici Marion Mercieca halset s-somma ta' hamsa u hamsin Ewro (€55) bhala excess ghal claim taghha.*

*Hawnhekk si tratta ta' culpa aquilina. Skond l-**Artikolu 1031** kull hadd iwiegeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. **L-Artikolu 1032** jagħti definizzjoni tal-ħtija u cioe' ghandu jitqies "fi ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza d-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

*Isegwi li sabiex l-atturi jirnexxu f'din il-kawża ta' danni, huma ghandhom jipprovaw li sofrew ħsara, bil-ħtija (kif imfissra fl-artikolu 1032) tal-konvenuti jew min minnhom. Fil-kaz in ezami jista' jinghad li d-danni li sofriet l-attrici Mercieca ma ġewx konestati u konsegwentement ippruvati pero' ma jirriżultax, min mill-konvenuti huwa responsabbli sabiex jaghmel tajjeb ghal dawn l-istess danni u ghalhekk min hu responsabbli.*

*Kif jinghad fis-sentenza moghtija nhar it -28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet **"GO p.l.c. vs Charles Dimech**" ġie ritenut li "hu pacifiku li l-ligi trid illi min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu liragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu, imma mhux aktar minn hekk."*

*Il-Qorti tal-Appell, fid-9 ta' Frar, 2005, fl-Appell Civili fl-ismijiet "**Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta P.l.c. et**" irreteniet illi:*

*"Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita extra kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita` ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista'*

*tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta' kawzalita` mal-event dannuz;"*

*Ir-rikorrenti qed jibbazaw il-pretensjonjiet taghhom fuq il-htija aquiliana li tippresupponi fatti li minnu titnissel ex nunc. F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti ghal att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-atturi*

*jallegaw li gie lilhom kawzat. Fuq l-atturi jintefa' l-oneru li jippruvaw in-nexus bejn l-agir tal-intimat u d-dannu minnhom soffert (ara **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe,** PA 03/07/2003 fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).*

*Ovvjament kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dak l-uzu (art. 1030 Kodici Civili). Dan il-qies insibuh fl-artikolu 1032(1) fejn kif enuncjat aktar 'l fuq il-ligi tispjega li jekk ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, titwieled ir-responsabbilta' ghad-danni.*

*Armata b'dawn il-principji, l-Qorti fl-ewwel lok trid tara jekk il-hsarat sofferti mill-atturi kienux ir-rizultat tal-operat tal-persuni mqabbda mill-Awtorita intimata sabiex jaghmlu xogholijiet fi Triq Mayr. Li kien hemm il-hsarat hu indiskuss. Dan hareg car mill-fatti u mir-ritratti li gew esebiti li ma gewx konestati. Li dawn il-hsarat sehhew ukoll meta nbeda ix- xoghol fit-triq mill-konvenuti kuntratturi Schembri Infrastructures hu wkoll indiskuss. Pero' l-atturi ma jistghux jieqfu hawn. Iridu jippruvaw illi l-hsara hi l-konsegwenza tal-operat tal-konvenuti jew min minnhom. Il-gurisprudenza tghallimna illi:*

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja,verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mil-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli" (**Emanuel Ciantar vs David Curmi et** PA 28/03/2003).*

*Inoltre, kif intqal fil-kawza, '**Mifsud vs Camilleri**' deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Apell, fil-15 ta' Dicembru, 2004, intqal li: "Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu jrid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu". Intqal ukoll fil-kawza '**Captur vs Borg'**, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1993, illi "kull min, b'xoghol konness ma' kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni."*

*Il-Fatti:*

*Illi f'din il-kawza xehdet l-attrici Marion Mercieca u spjegat li hija l-propretarja tal-fond 85, Flat 1, Birkirkara Hill, San Giljan u tiftakar li nhar l-1 ta' Ottubru 2008 kien ghamel xi maltemp u meta qamet filghodu ghax-xoghol sabet li d-dar taghha kienet mgherqa bl-ilma. Hija cemplet lir-rapprezentant tas-socjeta' assikuratrici Atlas li minn naha taghhom baghtu rapprezentant fuq il-post u hadu numru ta' ritratti, liema ritratti gew esebiti fl-atti processwali. Spjegat li fi triq Mayr kienu qed isiru xi xogholijiet u x'aktarx li l-ilmijiet tat-triq dahlu fil-proprjeta' taghha stante li d-dar taghha tinsab f'livell aktar baxx mit-triq.*

*Il-Perit Antoinette Conti ghan-nom tas-socjeta' konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta spjegat li kellhom ftehim mas-socjeta' konvenuta Schembri Infrastructures fejn kienu obbligaw ruhom li jaghmlu xogholijiet fi Triq Mayr, San Giljan. Stqarret li x-xoghol kellu jibda f'Ottubru tas-sena 2007 u kellu jdum tnax il-gimgha meta effettivament spicca f'Ottubru 2008. Tghid li skond il-kuntratt li l-Awtorita' kellha mal-konvenut Schembri Infrastructures jirrizulta li dan kellu jirranga erbgha toroq fosthom din Triq Mayr u kien diga' ghamel it-tlett toroq l-ohra meta inqalghet din il-kwistjoni. Tghid li hija kienet il-Project Manager tas-sit u li kienet kitbet lill-kuntrattur minhabba id-dewmien tant li anke infurmatu li kienet ser twahlu l-penali li kien hemm fil-kuntratt. Qalet li meta jsiru dawn ix-xoghlijiet fit-toroq ma hemmx bzonn ta' permess mill-MEPA izda permess taghhom huwa bizzejjed. Qalet li skond l-iskizz li kien hemm kellu jinbena xi tarag fit-triq pero' meta sar dan, inharget enforcement mill-MEPA u ghalhekk ix-xoghlijiet waqfu ghal xi ftit zmien. Spjegat li t-triq hija wahda bi slope qawwija hafna u huma zammew bl-istess livelli li kien hemm qabel pero' ghamlu wicc gdid tal-konkrit. Spjegat li fuq is-sit kienet tmur kwazi kuljum u meta ma tmurx kien imur xi technical officer min taghhom sabiex jissorveljaw dak li kien qed isisr. Qalet li hija ma ndunatx bil-hsara li setghet giet kkagunata lil terzi . Tghid pero' fi kliem car u univoci li ghalkemm ix-xoghlijiet kienu qed isiru minn Schembri Infrastructures u cioe' il-kuntrattur, l-Awtorita xorta baqghet responsabbli taghhom u dan skond l-istess ftehim.*

*Il-Perit David Vassallo li huwa Manager fl-Awtorita jghid li meta harget l-enforcement notice mill MEPA is-sit kien construction site b'wicc it-triq maqlugh. Mistoqsi jekk*

*hadux xi prekawzjoni jew mizuri meta gew imwaqfa mill-MEPA sabiex ma jikkawzawx danni lil terzi wiegeb li dik ma kinitx ir-responsabbilita' taghhom izda tal-kuntrattur.*

*Edward Schembri ghan-nom tas-socjeta' Schembri Infrastructures jikkonferma li kienu rebhu it-tender ghax-xoghol li kellu jsir fi Triq Mayr liema xoghol kien jikkonsisti billi jaghmlu mini u jghaddu xi servizzi, jaghmlu xi bankini u jaghmlu it-tarmac mat-triq. Spjega li din kienet side street bil-bini fuq zewg nahat. Qal li una volta jlestu is-servizzi jaqilghu il-wicc tat-triq. Spjega li dakinhar meta ghamlet ix-xita l-ilma dahal fil-kanali u l-ilma ippenetra mill-materjal u baqa' sejjer fid-dar ta' Mercieca. Mistoqsi jekk hadux xi prekawzjoni ghall-ilma li setghet nizlet jghid li prekawzjonijiet ma jistghux jittiehdu ghall-ilmijiet u ghalhekk ma hadux.*

*Minn ezami tal-kuntratt esebit jirrizulta li s-socjeta' konvenuta Schembri Infrastructures kienet obbligat ruhha fil-klawsola numru 6.3 li timdenizza lill-Awtorita' kontra kwalsiasi talba ghall-hlas li talvolta jista' jkun hemm minhabba x-xoghlijiet li saru in konnessjoni ma' dak l-istess kuntratt pero' din il-klawsola taffetwa biss ir-relazzjoni taghha ma' l-istess socjeta' konvenuta u mhux mas-socjeta' attrici.*

*Minn ezami tal-kuntratt, kjarament jirrizulta x'inhuma l-kundizzjonijiet*

*li kuntrattur huwa tenut li jsegwi fi process ta' skavar ta' triq kif ukoll il-prekawzjonijiet u l-mizuri li ghandu jaddotta ghall-harsien ta' l- infrastrutturi sitwati taht il-livell tat-triq.*

***L-Art.1132 tal-Kap.12*** *jigbor fih punt tad-dritt u cioe` li fl-imgieba taghha persuna hija dejjem tenuta li tezercita d-diligenza ta` bonus paterfamilias. Din hija disposizzjoni ewlenija fil-kamp tal- obbligazzjonijiet in kwantu tiddetermina l-mizura tal-kondotta tad-debitur ta' l-obbligazzjoni fl-ezekuzzjoni tal-prestazzjonijiet tieghu, tenut rigward tan-natura tar-rapport partikolari u tac-cirkostanzi ta' fatt li jikkonkorru biex jiddeterminawh.*

*Jinsab sostenut "che in diritto la diligenza da essere usata nell'adempimento di una obbligazione e la colpa dalla quale il debitore deve rispondere, sono due concetti che*

*si corrispondono, e si compenetrano nel senso che finche` uno ha usato la diligenza che doveva usare non è in colpa, e quando è in colpa lo si è appunto per non avere usato la debita diligenza". (ara "**Magro vs Agius**" – Appell Civili 20 ta` Frar 1920).*

*Fl-istess sentenza ssokta jinghad illi "il diritto Romano ci ha trasmesso la norma generale che traccia i confini della responsabilita` giuridica e che vale a determinare quale sia la condotta che si deve tenere nell'adempimento delle proprie obbligazioni, la quale norma è la diligenza del 'diligens paterfamilias', formula di cui nè la scienza nè la pratica hanno saputo trovare una migliore ...".*

*Ghas-success tal-azzjoni attrici, irid jirrizulta l-lezjoni tad-dritt tat-terz u li dan ikun f`rapport kawzali dirett ma' l-att jew fatt tas-socjeta` konvenuta" (ara - "**Korporazzjoni Enemalta vs Vella Group Limited**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 8 ta' Gunju, 2006 u "**Korporazzjoni Enemalta vs Vassallo et**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 17 ta' Ottubru, 2008). Kif affermat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha tal-21 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Korporazzjoni Enemalta vs V & C Contractors Limited"**.*

*M'hemmx dubbju li hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentement x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax l-Awtorita'. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avojla jkun hemm l-approvazzjoni ta' xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-Periti tal-Awtorita' u cioe' l-Perit Antoinette Conti kienet tmur fuq is-sit fi kliemha stess kwazi kuljum u meta rat li t-triq kellha l-wicc mikxuf ma tat l-ebda ordni sabiex jiehdu xi prekawzjoni u jevitaw id-danni li effettivament irrizultaw u ghalhekk l-Awtorita' ghandha wkoll tinzamm responsabbli flimkien mal-kuntrattur.*

*Il-Qorti tqis li fic-cirostanzi l-konvenuti huma it-tnejn responsabbli ghal dak li gara' u cioe' ghad-danni sofferti mill-atturi pero' fi kwoti differenti. Issostni li l-intimat*

*Schembri Infrastructures ghandha tinzamm responsabbli ghal tlett kwarti tad-danni sofferti filwaqt li l-Awtorita' ghandha tinzamm responsabbli ghar-rimanenti kwart stante li hija naqset ukoll meta ma ipprovditx x'mizuri ghandhom jittiehdu sabiex jigu evitati danni ulterjuri fix-xoghol li kellu jsir. L-Awtorita' ma hadet l-ebda prekawzjoni ghal dak li kellu jsir u kienet negligenti li halliet it-triq tinfetah fix-xahar ta' Ottubru bla ma hadet ilqugh ghal proprjeta' ta' terzi.*

***Ghalhekk, il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' hamsa u hamsin Ewro (€55) bhala excess lil Marion Mercieca u s-somma ta' erbat elef, tmien mija u sitt Ewro u hamsa u disghin centezmu (€4,860.95) [id-danni ta' erbat elef, erbgha mija u tmintax-il Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€4418.51) oltre l-loss adjuster fees ta' erbgha mija u tnejn u ghoxrin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€422.44)] lis-socjeta' attrici Atlas Insurance u dan fi kwota ta' tlett kwarti mis-socjeta' konvenuta Schembri Infrastructures Limited u kwart mill-konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.***

***L-ispejjez tal-kawza u l-imghax mill-21 ta' Marzu 2009 u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2010 jithallsu skond l-istess kwoti fuq imsemmija u cioe' tlett kwarti mis-socjeta' konvenuta Schembri Infrastructures Limited u kwart mill-konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta."***

**Rat** li l-intimati Awtorita' ghat-Trasport f'Malta hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-Appell tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta fejn gie premess:-

Illi b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi fl-10 ta' Ottubru, 2012 l-ewwel Onorabbli Qorti, wara li rat ir-rikors tal-atturi-appellati li permezz tiegħu talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' erbat elef, tmien mija u ħamsa u disgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€4,895.95), rappreżentanti danni u spejjez imħallsa mis-soċjeta' attriċi b'riżultat tal-polza ta' assikurazzjoni f'isem Marion Mercieca, in konnessjoni mad-danni kkaġunati fil-proprjeta' ta' Marion Mercieca, ġewwa Flat 1, 85, Birkirkara Hill, San Giljan fl-ewwel (1) ta' Ottubru 2008. L-Appellati talbu wkoll l-imgħax mill-wieħed u għoxrin

(21) ta’ Marzu 2009 u l-ispejjez kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sittax (16) ta’ Settembru 2010, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, wara li rat in-nota ta’ eċċezzjonijiet tal-Awtorita’ għat-Trasport f’Malta ppreżentata minnha fl-ewwel (1) ta’ Diċembru, 2010 fejn eċċepiet bir-rispett: *“Illi l-Awtorita’ konvenuta tirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet miġjuba kontriha bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana għas-segwenti raġunijiet:*

*Illi in linja preliminari l-Awtorita’ konvenuta m’għandha ebda locus standi f’din il-kawża u dana stante li l-kuntrattur intimat li kien ġie mqabbad mill-istess Awtorita’ sabiex isiru xogħolijiet ġewwa Triq Albert Mayr, intrabat bil-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt magħruf bhala ‘Period Contract for Road Works’. Għaldaqstant, dana l-kuntratt ħoloq relazzjoni ġuridiku bejn l-istess kuntrattur u t-terz li qed jallega li sarulu danni fil-proprjeta’ tiegħu. Għalhekk l-Awtorita’ konvenuta għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll in linja preliminari, l-Awtorita’ konvenuta mhix il-leġittimu kuntradittur u dana peress illi kien jinkombi fuq il-kuntrattur intimat li jaqdi d-dmirijiet kuntrattwali tiegħu u li jieħu lprekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex terzi persuni ma jġarrbux ebda danni. Għalhekk l-Awtorita’ konvenuta għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-danni u l-ħsara allegatament sofferti ma ġrawx minħabba xi għemil jew nuqqas ta’ l-Awtorita’ mittenti iżda ġraw bħala riżultat ta’ każ fortwitu jew forza maġġuri.*

*Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, sfortunatament din hija kwistjoni ta’ casus.*

*Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita’ konvenuta diġa’ infurmat lill-atturi bil-posizzjoni tagħha f’din il-kwistjoni u għalhekk l-atturi għandhom ibagħtu l-ispejjez kollha relattivi.*

*Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost id-danni pretiżi huma eċċessivi u jeħtieġ li jiġu ppruvati.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi, inklużi l-ispejjez konċernanti r-risposta ta’ l-Awtorita’ konvenuta għall-ittra uffiċjali ta’ l-atturi datata 1 ta’ Ottubru 2010 u notifikata lilhom fis-6 ta’ Ottubru 2010.”*

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, wara li rat ir-risposta tas-soċjeta' konvenuta Schembri Infrastructures Limited ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Novembru 2010 fejn eċċepiet: *"Illi fil-konfront tagħha d-domandi attriċi huma nfondati filfatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra tagħhom stante illi l-inċident mertu ta' din il-kawża, la l-eċċipjenti u lanqas uffiċjali u impjegati tagħha ma kellha ebda ħtija.*

*Salv kull eċċezzjoni ulterjuri."*

Illi b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Ottubru, 2012 fil-kawża fl-ismijiet premessi, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta), ddeċidiet billi laqgħet it-talba attriċi u kkundannat lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' ħamsa u ħamsin Ewro (€55) bħala *excess* lil Marion Mercieca u s-somma ta' erbat elef, tmien mija u sitt Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€4,860.95) [id-danni ta' erbat elef, erbgħa mija u tmintax-il Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€4418.51) oltre l-*loss adjuster fees* ta' erbgħa mija u tnejn u għoxrin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€422.44)] lis-soċjeta' attriċi Atlas Insurance u dan fi kwota ta' tlett kwarti mis-soċjeta' konvenuta Schembri Infrastructures Limited u kwart mill-konvenuta Awtorita' għat-Trasport f'Malta. L-ispejjez tal-kawża u l-imgħax mill-21 ta' Marzu 2009 u bl-ispejjez kollha inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Settembru 2010 jitħallsu skond l-istess kwoti fuq imsemmija u cioe' tlett kwarti mis-soċjeta' konvenuta Schembri Infrastructures Limited u kwart mill-konvenuta Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

Illi l-Awtorita` appellanti ħasset ruħha aggravata mill-imsemmija sentenza u qed tappella minnha b'dan ir-rikors.

Illi l-aggravji tal-Awtorita' appellanti huma s-segwenti:

1. Illi kif jirriżulta mill-atti tal-kawża, il-kuntrattur intimat iffirma kuntratt *ossia Period Contract of Works* li permezz tiegħu l-istess kuntrattur obbliga ruħhu li jesegwixxi xogħolijiet fit-triq taħt dawk il-pattijiet, kundizzjonijiet u obbligi imsemmija f'dana l-istess kuntratt u b'hekk il-kuntrattur intimat jiggarantixxi l-bonta' tax-xogħol tiegħu u b'hekk ukoll jiġi evitat dannu. Fost il-pattijiet, kundizzjonijiet u obbligi imposti fuq il-kuntrattur intimat wieħed għandu jinnota b'mod speċifiku s-segwenti:

- Il-klawsola 9(d) intitolata *Execution of Work* a paġna 9, li tgħid: *"**...The Contractor shall further fulfil all the obligations imposed by Articles 30, 32, 33 and 34 of the Code of Police Laws (Chapter 10 of the Laws of Malta)**." (emfażi miżjud).*

    - L-Artikolu 30 tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprovdi: ***"**Waqt il-bini jew tiswija ta' triq, ta' kanal jew ta' gandott, jew ta' biċċa xogħol oħra fi triq, l-uffiċjal inkarigat għandu jieħu l-ħsieb meħtieġ biex tiġi skansata kull disgrazzja, u, jekk ikun meħtieġ, għandu jifred b'puntali d-*

*djar ta' mal-ġenb, u jieħu ħsieb li kull kanal, gandott, jew biċċa xogħol oħra jkunu mdawlin tajjeb u irparati, ma' tul il-lejl, sabiex ma jiġrux disgrazzji."*

- L-Artikolu 32 tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprovdi: *"Kull min ikun irid iħott, jibni, ibiddel jew isewwi bini b'mod illi jkun meħtieġ li l-materjal tal-bini jitqiegħed fit-triq, jew b'mod illi jista' jkun kaġun ta' ħsara, periklu, jew ta' xkiel, għandu, qabel ma jibda x-xogħol, iqiegħed irpar biżżejjed tajjeb biex jifred mit-triq il-bini li fih kienu sejrin isiru dawk ix-xogħolijiet, u jħalli wisa' biżżejjed għall-mogħdija, u għandu jżomm dan l-irpar u dan il-wisa' fi stat tajjeb għaż-żmien kollu li jkun meħtieġ għas-sigurtà jew kumdità tal-pubbliku; u għandu, fil-każijiet kollha, meta meħtieġ sabiex ma jsirux disgrazzji, iqiegħed dwal biżżejjed matul il-lejl."*

- Artikolu 33 tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprovdi: *"Dwal biżżejjed għandhom ukoll jitqiegħdu, matul il-lejl, fuq jew ħdejn il-materjal poġġut fi triq, mill-persuna li tkun xeħtet hemm dak il-materjal, fiż-żmien li jkun isir xi bini, tiswija jew taħfir."*

- L-Artikolu 34 tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprovdi: *"Ħadd ma jista' jħalli fi triq materjal ta' bini jew xkiel ieħor, jew taħfir mikxuf, għal żmien aktar milli jkun meħtieġ; u kull meta jiġri dan, il-prova illi ma jkunx għadda aktar żmien milli meħtieġ għandha tagħmilha l-persuna li tkun ġiegħlet li jinxeħet hemm dak il-materjal jew xkiel ieħor jew li jsir dak it-taħfir."*

- Il-klawsola 4.1 li tinsab taħt it-titolu *Work Conditions* a paġna 8, li tgħid: *"**4.1. Services of persons holding the warrant to practice as Architect & Civil Engineer.** 4.1.1 <u>Successful Tenderers shall engage</u> the services of a person holding the warrant to practice as Architect and Civil Engineer, hereafter the "Perit" to be overall <u>responsible at Law, for the management, and quality of the Work, and for safety in the conduct of the Work and the protection of the interests of third parties.</u> (emfażi miżjud)*
  *4.1.2 The Tenderer shall indicate the name of the person providing such services and will submit proof to the NID with its Tender that the person whose services are so engaged possess or otherwise controls the necessary resources, expertise and tract record needed for the implementation of roadwork projects of the status and nature requested by the relative classification chosen."*

  Fil fatt, jirriżulta mill-provi dokumentarji prodotti mill-Awtorita' appellanti li l-kuntrattur intimat inkariga lil Perit Mark John Scicluna.

- Il-klawsola 4.9 intitolata *Measurement of work* li tinsab taħt it-titolu *Work Conditions* a paġna 12, li tagħmel riferenza għal Appendix 1 fejn hemm indikat *Methods of Measurement* għar-rigward tlettax-il punt u minn dawn il-punti

dawk rilevanti għal dina l-kawża huma l-punt A.1.2. *Site Clearance* u l-punt l-ieħor A.1.5. *Road Resurfacing* fejn hemm imsemmi l-*method of measurement* għal "*cleaning and sweeping*" tas-sit fejn qed isiru x-xogħolijiet.

- Il-klawsola 4.10 intitolata *Conduct of works on site* li tinsab taħt it-titolu *Work Conditions* a paġna 12, li tgħid: *"4.10.1 The contractor will ensure that the works are properly conducted on site to cause the least disruption to residents, businesses and passing traffic especially public transport..."* Dina l-istess klawsola tagħmel riferenza għal Appendix 2 fejn hemm riferenza għal *Conditions regulating field operations* li huma mqassmin fi tnax-il punt u minn dawn il-punti, dawk rilevanti għal kawża odjerna huma s-segwenti:

  - *B.2.1. Superintendence – The contractor shall provide all necessary superintendence during the execution of the works. The Contractor or an authorised representative approved by the Department shall give his whole time to superintending such works...*

  - *B.2.2 Guarding and protecting the site – The Contractor shall be required to make provisions for the guarding of the site at all working hours to guard all Utilities plants, equipment, material, etc. delivered on site and to ensure that all signs, lights, fences, etc. are* ***in*** *their proper place. The Contractor shall be responsible to guard all work carried out under this contract even parts that may have been taken over by the Department, as well as any goods or materials provided by the Department, other Utilities, or other appointed contractors for use in the works falling under this contract. Such provisions shall remain in operation until all Works have been handed* ***over*** *to the Department and the latter shall inform contractor that these services are not longer required.*

  - *B.2.3 Control of site work – The contractor shall ensure that all works are carried out in an orderly and professional manner that cause the least disturbance to surroundings and in particular that create the least possible obstruction to third parties and their activities in all their possible aspects. Sites are to be kept clean and well organised to the satisfaction of the Department, that may order any action or steps to be taken, that may not have been included in the schedule or in statutory permits granted in respect of the particular project or site, to ensure abidance with the provisions of this clause...*

  - *B.2.4. Procurement of Permits – It shall rest with contractor to obtain all the necessary permits, licences, etc that may be needed for the execution of the works in the contract.*
    *Before commencement of any works the contractor must ensure that all the necessary permits have been applied for and have in fact been granted. Contractor shall ensure that all conditions stipulated in such*

*granted permits are strictly observed. Non-compliance with the above will lead to suspension of activities in respect of the affected parts of the works with the risk of incurring the penalties applicable under the terms of the contract.*

- *B.2.5 Fences and barriers – The contractor is to furnish, install and maintain suitable barriers and fences to protect the work, existing facilities and construction operations and to remove same when, no longer required as authorised by the Department, or on completion of works...All fences shall be installed in an neat and reasonable uniform appearance and shall be structurally adequate for the required purposes. They shall be maintained during the entire works period. Barriers may be relocated as required by the progress of works.Warning lights will be provided and lit from sunset to dawn on fences and barriers all around the site of the works.All barriers and fences shall be completely removed on completion of the work and the contractor will clean the site and the surroundings as well as repair any damage that may have been caused by the works.*

- *B.2.8 Working in adverse weather conditions and at night – Works may be required to continue in all types of weather in so far as the works being carried out may, by their nature, require or permit for their proper execution and depending on specific job requirements and traffic conditions. Work during the night will not be permitted.*

Dawn il-klawsoli juru b'mod ampjament ċar illi waqt l-andament tax-xogħolijiet fi Triq Albert Mayr, il-kuntrattur intimat kien responsabbli mis-sit.

2. Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, jirriżulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tatx l-importanza mistħoqqa u xierqa lil fatt kruċjali li l-kuntrattur intimat naqas li josserva ċerti obbligi u kundizzjonijiet imsemmija fil-*Period Contract of Works* u għalhekk jsegwi li l-kuntrattur intimat għandhu jagħmel tajjeb għad-danni li huwa kkaġuna minħabba n-negliġenza tiegħu stess. Filfatt:

(a) Fix-xhieda tat-23 ta' Novembru 2011 il-kuntrattur *ossia* Edward Schembri għan-nom u fl-interess tas-soċjeta' Schembri Constructors Limited qal speċifikament li l-kuntrattur intimat ma ħadu ebda prekawzjoni għal ilma tax-xita. Dana minkejja l-eventwalita' li waqt l-andament tax-xogħol, setgħet tagħmel ix-xita. Effettivament minbarra l-fatt li l-imsemmi *Period Contract of Works* jimponi fuq il-kuntrattur intimat l-obbligu li jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji, l-istess kuntratt javża lil kuntrattur intimat bis-segwenti kundizzjoni B.2.8 *"**Working in adverse weather conditions and at night** – Works may be required to continue in all types of weather in so far as the works being carried out may, by their nature, require or permit for their proper execution and*

*depending on specific job requirements and traffic conditions. Work during the night will not be permitted."*

(b) Inoltre l-istess Edward Schembri xhed li x-xogħol fi Triq Albert Mayr beda bejn wieħed u ieħor fit-tielet ġimgħa ta' Ottubru tas-sena 2008 u t-tarmak ingħata ġimgħatejn qabel il-Milied tas-sena 2008 u dana meta skond ix-xhieda tal-Perit Antoinette Conti tal-5 ta' Mejju 2011 u anke mill-provi dokumentarji, ix-xogħol kellu jitlesta fi żmien tnax-il ġimgħa mill-1 ta' Ottubru 2007. Għar-rigward dana l-istess Perit Conti konfermat li l-Awtorita' appellanti kitbet diversi drabi lill-kuntrattur intimat biex tavżah dwar id-dewmien biex ilesti x-xogħolijiet u li minħabba tali dewmien ser jiġi ppenalizzat skond kif jistipula l-imsemmi *Period Contract of Works*. Għalhekk għandhu jiġi addebitat lil kuntrattur intimat ukoll il-fattur tad-dewmien bħala fonte ta` ħtija.

(c) Inoltre skond l-istess *Period Contract of Works*, il-kuntrattur intimat kien taħt l-obligu u d-dover li jottjeni permess sabiex ikun jista' jagħmel xogħolijiet fit-triq iżda mill-atti tal-proċess jirriżulta li l-istess kuntrattur intimat naqas milli jottjeni permess ġdid jew estensjoni tal-permess għal xogħolijiet fit-triq meta l-permess li kellu kien skada f'Diċembru 2007. In fatti, il-klawsola B.2.4 tal-imsemmi *Period Contract of Works* jgħid: *"B.2.4. Procurement of Permits – It shall rest with contractor to obtain all the necessary permits, licences, etc that may be needed for the execution of the works in the contract. Before commencement of any works the contractor must ensure that all the necessary permits have been applied for and have in fact been granted. Contractor shall ensure that all conditions stipulated in such granted permts are strictly observed. Non-compliance with the abve will lead to suspension of activities in respect of the affected parts of the works with the risk of incruuing the penalties applicable under the terms of the contract."*

Fil-fatt fil-kawża fl-ismijiet ***GO p.l.c. vs Richard Cauchi et*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (avviż nru 58/2009) fit-12 ta' Jannar 2011, liema kawża tirrefletti ħafna aspetti tal-kawża odjerna, jingħad *"Skond il-kuntratt iffirmat mill-konvenut dan kien l-obbligu tal-kuntrattur li jottjeni l-permessi kollha relattivi, w f'kaz li x-xoghol ma jsirx skond is-sengha w l-arti, w jikkawza xi hsarat lill-Korporazzjoni Enemalta, huwa ghandu jaghmel tajjeb ghalihom. Dan hu proprju l-kaz odjern. Il-konvenut naqas li jottjeni l-permessi relattivi ghat-thaffir tat-triq, u naqas li jkollu l-markings kif suppost, u ghalhekk ghal dan in-nuqqas ghandu jinzamm responsabbli."*

Għalhekk jirriżulta li l-obbligi u kundizzjonijiet tal-*Period Contract of Works* li kien fis-seħħ bejn l-Awtorita' appellanti u l-kuntrattur intimat meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, jippuntaw kollha lejn il-kuntrattur intimat. Dan ġie wkoll ikkonfermat mill-Perit David Vassallo fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Mejju 2011 u kkoroborat mix-xhieda tal-Perit Antoinette Conti: *"Nixtieq nghid li l-obbligi kollha naxxenti mill-kuntratt esebit u mmarkat bhala Dok ADT jghajtu lill-kuntrattur."* F'każ li tali obbligi ma jiġux esegwieti u f'każ li x-xogħol ma jsirx skond is-sengħa u l-arti u

minħabba tali nuqqasijiet il-kuntrattur jikkawża xi ħsarat lil terzi u konsegwentement lil Awtorita' appellanti, huwa l-kuntrattur intimat li għandhu jagħmel tajjeb għalihom. Dana huwa proprju l-każ fil-kawża odjerna.

Effettivament jirriżulta li ma hemm ebda ness ta' kawzalita' bejn l-event dannuz u xi azzjoni jew inazzjoni tal-Awtorita' appellanti. L-Awtorita' appellanti ma tistax twieġeb għal ħsara jew parti mill-ħsara li ġrat bi htija ta' ħaddiehor *ossia* l-kuntrattur intimat. Kif jingħad fil-ġurisprudenza tagħna, kull persuna, ovvjament, trid twieġeb għall-għemil tagħha, u mhux responsabbli għall-aġir negligenti u traskurat ta' ħaddiehor.

3. Illi inoltre wiehed jinnota li l-Ewwel Onorabbli Qorti l-ewwel qalet is-segwenti: *"M'hemmx dubbju li hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentement x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax l-Awtorita'. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avojla jkun hemm l-approvazzjoni ta' xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol".* Sussegwentement l-Ewwel Onorabbli Qorti kkontradiet lilha nnifisha billi kompliet tgħid illi l-Awtorita' appellanti għandha tinżamm responsabbli għal parti mid-danni subiti mill-atturi u dana peress illi minkejja li l-perit ta' l-Awtorita' appellanti kienet tmur fuq is-sit *"fi kliemha stess kwazi kuljum u meta rat li t-triq kellha l-wicc mikxuf ma tat l-ebda ordni sabiex jiehdu xi prekawzjoni u jevitaw id-danni li effettivament irrizultaw u ghalhekk l-Awtorita' ghandha wkoll tinzamm responsabbli flimkien mal-kuntrattur".* L-Ewwel Qorti kompliet tgħid illi l-Awtorita' appellanti *"ghandha tinzamm responsabbli ghar-rimanenti kwart stante li hija naqset ukoll meta ma ipprovditx x'mizuri ghandhom jittiehdu sabiex jigu evitati danni ulterjuri fix-xoghol li kellu jsir. L-Awtorita' ma hadet l-ebda prekawzjoni ghal dak li kellu jsir u kienet negligenti li halliet it-triq tinfetah fix-xahar ta' Ottubru bla ma hadet ilqugh ghal proprjeta' ta' terzi."* Dwar dana l-Awtorita' appellanti bir-rispett kollu ma taqbilx ma dan li ntqal mill-Ewwel Onorabbli Qorti u dana għas-segwenti raġunijiet:

(a) L-Ewwel Qorti ssemmi "danni ulterjuri" – ma ġie ppruvat ebda sitwazzjoni ta' danni ulterjuri jew danni f'ammont ikbar/oħra minħabba xi inazzjoni ta' l-Awtorita' appellanti; kulma ntqal mill-atturi huwa li soffrew danni minħabba l-inċident in kwistjoni;

(b) Kif intqal fil-paragrafi preċedenti, il-kuntratt viġenti bejn l-Awtorita' appellanti u l-kuntrattur intimat jipprovdi b'mod ampjament ċar dwar x'miżuri u x'obbligi kuntrattwali l-kuntrattur intimat kellu jieħu sabiex jiggarantixxi l-bonta' tax-xogħol tieghu u sabiex jevita danni lil terzi persuni. Saħansitra huwa fl-interess tal-kuntrattur stess li jieħu prekawzjonijiet fuq l-and tax-xogħol peress kif stipulat fil-kuntratt stess, il-kuntrattur huwa responsabbli għal

kwalunkwe danni risultanti, li jindennizza lil Awtorita’ appellanti kontra kwalsiasi talba għal ħlas li talvolta jkun hemm minħabba x-xogħolijiet (ara klawsola 6(iii)[1]) u l-kuntrattur intimat sa għandhu polza ta’ assikurazzjoni sabiex dana jkun jista’ jagħmel tajjeb għal tali danni;

(c) Kien sta għal kuntrattur intimat li jieħu l-prekawzjonijiet għal dak li kellu jsir sabiex jiġi evitat dannu lil terzi peress għalkemm il-progett kien ta’ l-Awtorita’ appellanti, matul il-perijodu tal-kuntratt, kien il-kuntrattur responsabbli mis-sit in kwistjoni *ossia* Triq Albert Mayr;

(d) Illi kif hawn fuq ikkwotat, l-Ewwel Onorabbli Qorti ssemmi li t-triq in kwistjoni kellha l-“wicc mikxuf” u li l-perit ta’ l-Awtorita’ ma tat l-ebda ordni sabiex jieħdu xi prekawzjoni u jevitaw id-danni li effettivament irriżultaw. Dwar dana għandu jingħad illi n-natura tax-xogħolijiet fi Triq Albert Mayr kien proprju li t-triq ikollha “wicc mikxuf “ peress illi, kif xhed il-kuntrattur stess fit-23 ta’ Novembru 2011 *“Fost ix-xoghol kellna naghmlu mijni tal-ilma u kellna nghaddu xi servizzi, naghmlu xi bankini, u naghmlu it-tarmak tat-triq... Nixtieq nghid li l-ewwel nghaddu s-servizzi mit-triq, meta nlestu is-servizzi kollha mbaghad naqalghu wicc it-triq. Naturalment biex tghaddi it-trinek trid thaffer il-kanali...”* għalhekk peress in-natura tax-xogħolijiet jinvolvi li wiċċ tat-triq ikun miftuħ u peress li l-kuntrattur intimat kien inkarigat mit-triq u responsabbli għat-Triq in kwistjoni waqt l-andament tax-xogħol, kien fl-ambitu tar-responsabbilitajiet tal-kuntrattur intimat li jieħu prekawzjonijiet neċessarji inkluż il-*monitoring* tat-temp, miżuri biex jekk tagħmel ix-xita ma jirriżultax dannu lil terzi. Filfatt anke fix-xhieda tal-Perit David Vassallo tal-24 ta’ Mejju 2011 huwa qal: *“Fil-fehma taghna hija responsabilita’ tal-kuntrattur li jiehu rimedji. Dana ghaliex naturalment ix-xogholijiet dejjem isiru fix-xhur tax-xitwa u mhux f’dan il-kaz biss.”* Huwa parti mid-dmirijiet tal-kuntrattur intimat, li huwa mdorri jagħmel xogħol ta’ dana t-tip, li effettivament jagħmel xogholu skond l-arti u s-sengħa mistennija minnhu.

(e) Illi l-Ewwel Qorti ssemmi li l-Awtorita’ appellanti kienet negliġenti għax ħalliet it-triq tinfetaħ fix-xahar ta’ Ottubru bla ma ħadet ilqugħ għal proprjeta’ ta’ terzi. Dwar dana l-Awtorita’ appellanti filwaqt li terga’ ttenni li kien il-kuntrattur intimat li kellu jieħu prekawzjonijiet għal ilqugħ għal proprjeta’ ta’ terzi, terġa’ tagħmel riferenza għal klawsola B.2.8 tal-kuntratt liema klawsola tkompli turi li l-kuntrattur intimat kien konsapevoli li x-xogħolijiet in kwistjoni ġewwa Triq Albert Mayr, liema xogholijiet kienu jinvolvu li wicc it-triq jibqa’ mikxuf għal perijodu ta’ zmien, setgħu jsiru fix-xitwa u konsegwentement setgħet tagħmel ix-xita.

[1] *6(iii) The Contractor shall indemnify and save harmless the Authority against and from all claims liabilities costs expenses actions or proceedings it may face or suffer at any time including, without limitation, claims for personal injury or damage to property arising from the performance of the Work or part thereof or by any act whether by omission or commission of the Contractor, its officers, employees, agents, or sub-contractors. This clause shall survive the expiration of the Contract.*

4. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat l-esponenti b'porzjoni jew sehem tad-danni mingħajr ma ppronunzjat ruħha fuq il-kwistjoni ta' responsabbilta' o meno tad-danni kaġjonati. In mankanza ta' tali deċiżjoni ta' responsabbilta', l-esponenti qatt ma setgħet tiġi kkundannata tħallas ebda danni, lanqas proporzjonalment ta' l-istess.

**Għal dawn ir-ragunijiet** l-Awtorita` appellanti qed titlob li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kkundannat lill-Schembri Infrastructures Limited sabiex tħallas tlett kwarti tal-*excess*, tad-danni, tal-imghax legali u tal-spejjez pretiżi mill-atturi, filwaqt li tilqa' dan l-appell billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Awtorita' appellanti ġiet ikkundannata tħallas kwart tal-*excess*, tad-danni, tal-imgħax legali u tal-spejjez pretiżi mill-atturi u tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi appellati fil-konfront tal-Awtorita' appellanti.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

**Rat** ir-risposta tal-appell tal-appellati Atlas Insurance PCC Limited f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Marion Mercieca u l-istess Marion Mercieca, fejn gie sottomess:-

1. Illi permezz tal-kawza odjerna, l-atturi talbu illi l-konvenuti jigu kkundannati ihallsuhom is-somma ta' €4,895.95c, rappresentanti danni u spejjez imhallsa mis-socjeta` attrici b'rizultat tal-polza ta' assikurazzjoni f'isem Marion Mercieca, in konnessjoni mad-danni kkagunati fil-propjeta` ta' Marion Mercieca gewwa flat 1, 85, Birkirkara Hill, San Giljan fl-1 ta' Ottubru 2008, flimkien mal-imghax mill-21 ta' Marzu 2009 u bl-ispejjez kif mitluba fl-avviz promotur.

2. Illi l-Awtorita` konvenuta eccipiet illi; (a) ma ghandhiex *locus standi* f'dawn il-proceduri peress illi l-kuntrattur minnha imqabbad kien dahal f'kuntratt ta' xogholijiet mal-Awtorita`, li b'rizultat tieghu inholqot relazzjoni guridika bejnu u terzi, (b) mhijiex il-legittimu kontradittur peress li kien jinkombi fuq il-kuntrattur intimat li jaqdi d-dmirijiet tieghu u jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex terzi ma jgarrbux ebda danni, (c) illi d-dannu u l-hsara ma grawx minhabba xi ghemil jew nuqqas tal-Awtorita`, izda rizultat ta' kaz fortuwitu jew forza magguri, (d) din hija kwistjoni ta' *casus*, (e) illi l-Awtorita` diga` nfurmat lill-atturi bil-posizzjoni taghha u

ghalhekk l-atturi ghandhom ibaghtu l-ispejjez relattivi u (f) illi d-danni pretizi huma eccessivi u jehtiegu li jigu ppruvati.

3. Illi s-socjeta` konvenuta eccipiet illi fil-konfront taghha, id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, stante li ghall-incident mertu ta’ din il-kawza, la l-eccipjenti u l-anqas l-ufficjali u impjegati taghha ma kellha ebda htija.

4. Illi permezz tas-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 2012, l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti ihallasu s-somma ta’ €55 lill-attrici Marion Mercieca u s-somma ta’ €4,860.95c lis-socjeta` attrici Atlas Insurance PCC Limited, u dan fi kwota ta’ tlett kwarti mis-socjeta` konvenuta Schembri Infrastructures Limited u fi kwota tar-rimanenti kwart mill-konvenuta Awtorita` ghat-Trasport f’Malta, oltre ghall-imghaxijiet u l-ispejjez relattivi, ukoll fil-kwoti msemmija, liema sentenza l-esponenti appellati jissottomettu illi hija gusta u ghalhekk ghandha tigi kkonfermata.

5. Illi s-socjeta` konvenuta ma appellatx mill-imsemmija sentenza u ghalhekk fil-konfront taghha, is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija finali.

6. L-appell tal-Awtorita` konvenuta huwa bbazat fuq il-fatt illi skond il-kuntratt ta’ xoghol, <u>bejnha w is-socjeta` konvenuta</u>, il-kuntrattur kien intrabat illi jezegwixxi x-xogholijiet relattivi b’mod diligenti u kienu ftehmu <u>bejniethom</u>, illi l-kuntrattur kellu jindennizza lill-Awtorita` ghal kwlasiasi danni li talvolta jistghu jirrizultaw pagabbli lil terzi. Dak li l-Awtorita` qieghda tinjora mhuwiex biss il-fatt illi hija naqset fid-doveri taghha relattivi, mhux biss bhala l-awtorita` nazzjonali responsabbli ghax-xogholijiet in kwistjoni peress li tali xogholijiet saru fuq inkarigu taghha, izda naqset ukoll fir-rigward tas-sorveljanza adegwata waqt l-andament tax-xoghol, b’dan illi l-Awtorita` ghazlet illi ma taghmel xejn u ma tghid xejn lill-kuntrattur, nonostante li kien ovvju li ma kienux qeghdin jittiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega biex tigi evitata hsara lill-propjeta` ta’ terzi. Inoltre, l-Awtorita` qieghda wkoll kompletament tinjora l-principju legali li l-kuntratt ta’ xoghol bejnha u l-kuntrattur minnha inkarigat, huwa *res inter alios acta*, fil-konfront ta’ terzi (bhal ma huma l-appellati esponenti) u ghalhekk,

semmai, l-Awtorita` ghandha biss dritt ta’ rinvalsa fil-konfront tal-kuntrattur u ma tistax tigi ezonerata mill-obbligazzjonijiet taghha fil-konfront tal-esponenti. Fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonfermat tali principju, li fl-ahhar mill-ahhar huwa principju konsistentement stabbilit fis-sistema guridika taghna, ossija illi l-klawsoli tal-kuntratt ta’ bejn il-konvenuti, *‘taffettwa biss ir-relazzjoni taghha mal-istess socjeta` konvenuta u mhux mas-socjeta` attrici’*.

7. Ghalkemm il-konvenuti kienu jafu bir-riskju relattiv ghall-propjeta` tal-attrici Marion Mercieca, tant illi Edward Schembri stess (ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta) xehed illi kienu jafu li l-propjeta` taghha kellha sular taht il-livell tat-triq, li fl-ahhar mill-ahhar huwa fatt facilment konstatabbli minn kulhadd, il-konvenuti jaccettaw li ma hadu l-ebda mizuri jew prekawzjonijiet biex jevitaw tali dannu. Kif ighidu l-inglizi, *they were just keeping their fingers crossed*!

8. Ta’ min jirrileva wkoll illi l-Perit David Vassallo (Manager fi hdan l-Awtorita` konvenuta), qal illi meta nharget l-enforcement notice tal-MEPA, is-sit kien *construction site* b’wicc it-triq maqlugh u li thalla kollox miftuh w abbandunat meta nharget l-*enforcement notice*. Mistoqsi jekk kienux hadu prekawzjonijiet jew mizuri, partikolarment meta gew imwaqqfa mill-MEPA, sabiex ma jikkawzawx danni lil terzi, huwa semplicement wiegeb li dik kienet responsabbilta` tal-kuntrattur u mhux taghhom. Fi kliem il-Perit Conti stess, l-Awtorita` kien originarjament deherilha li ma kienx mehtieg permess tal-MEPA biex tezegwixxi x-xogholijiet relattivi. Il-hrug tal-enforcement notice kien wiehed mill-fatturi li progett li kellu jdum tnax il-gimgha attwalment dam tnax il-xhar, bil-konsegwenza li t-triq baqghet maqlugha ghal xhur twal meta wiehed logikament u ragjonevolment ghandu jistenna w jipprevedi li taghmel ix-xita. Apparti l-aspett ta’ lqugh ghall-ilmijiet, il-logika tiddetta illi l-Awtorita` messha inkarigat lill-kuntrattur taghha biex jaghmel tali xogholijiet fix-xhur tas-sajf biex b’hekk jigi evitat ir-riskju ta’ xita u l-konsegwenzi relattivi.

Minbarra l-fatt illi kien tort tal-Awtorita` konvenuta li inharget l-*enforcement notice* tal-MEPA, peress illi ma kienitx ottjeniet il-permessi relattivi mehtiega qabel ma inkarigat lill-kuntrattur biex jezegwixxi x-xogholijiet relatati, huwa agir, bir-rispett kollu deplorevoli, da parte tal-Awtorita`, illi nonostante li ghandha diversi periti taghha qeghdin jissorveljaw kontinwament ix-xogholijiet isiru mill-kuntrattur minnha inkarigat, dawn ma imqarx jindenjaw ruhhom li jaccertaw li jittiehdu il-mizuri kollha

mehtiega biex ma ssirx hsara fi propjeta` ta’ terzi u semplicement jaddottaw atteggament tat-tlett xadini proverbjali li la jisimghu, la jaraw u l-anqas jittkellmu! Fl-ahhar mill-ahhar, il-kuntrattur kien qed jezegwixxi x-xogholijiet relattivi, fuq inkarigu w ghan-nom tal-Awtorita` konvenuta u skond l-istruzzjonijiet tal-istess Awtorita`.

Anke ghal persuna li mhijiex teknika, huwa ovvju illi, fi triq maqlugha kompletament u partikolarment b’inklinazzjoni tat-triq daqstant qawwija, liema stat ta’ fatt sahansitra inzamm hekk ghal circa sena, jekk ma jsirx ilqugh u kanali oppoziti biex jiehdu u jiddisponu mill-ilmijiet tax-xita, tali ilmijiet kienu ser jispiccaw fil-propjetajiet li fid-direzzjoni taghhom taqleb it-triq. Kemm allura kellu dan il-fatt ikun iktar ovvju ghall-periti arkitetti tal-Awtorita` konvenuta, li kienu regolarment jkunu fuq il-lant tax-xoghol biex suppost jaccertaw ruhhom illi l-kuntrattur inkarigat mill-Awtorita` kien qed jiehu l-mizuri u jaddotta l-prekawzjonijiet kollha mehtiega.

9. Inoltre, kif gustament irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti, ir-rapprezentant tal-Awtorita` konvenuta stess (il-Perit Antoinette Conti), xehdet illi hija kienet tmur tissorvelja x-xogholijiet li kienu qed isiru mill-kuntrattur minnhom inkarigat, kwazi kuljum u meta ma tmurx kien imur xi technical officer minn taghhom sabiex jissorveljaw dak li kien qed isir u *“Tghid fi kliem car u univoci li ghalkemm ix-xogholijiet kienu qed isiru minn Schembri Infrastructures u cjoe` il-kuntrattur, l-Awtorita` xorta baqghet responsabbli taghhom u dan skond l-istess ftehim.”*. Jirrizulta ghalhekk, anke minn dan l-aspett, li l-Awtorita` stess (tramite r-rapprezentant taghha inkarigat minnha biex jirrapprezentaha f’dawn il-proceduri), taccetta w tammetti li nonostante l-inkarigu moghti minnha lill-kuntrattur konvenut, l-Awtorita` konvenuta xorta wahda baqghet responsabbli ghax-xogholijiet relattivi.

10. Finalment, l-Awtorita` appellant ssottomettiet illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannatha b’porzjon jew sehem tad-danni, minghajr ma ppronunzjat ruhha fuq ir-responsabbilta` o meno tad-danni kkagunati u ghalhekk skondha l-Awtorita` ma setghetx tigi kkundannata thallas ebda danni, l-anqas proporzjonalment ta’ l-istess.

Tali sottomissjoni tal-Awtorita` hija wkoll, bir-rispett kollu, infondata w insostenibbli. Fis-sentenza relattiva, l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet minghajr ebda tlaqlieq

illi: *"f'dan il-kaz jirrizulta li l-Periti tal-Awtorita` u cjoe` il-Perit Antoinette Conti, kienet tmur fuq is-sit, fi kliemha stess, kwazi kuljum u meta rat li t-triq kellha l-wicc mikxuf, ma tat l-ebda ordni sabiex jiehdu xi prekawzjonijiet u jevitaw id-danni li effettivament irrizultaw u ghalhekk l-Awtorita` ghandha wkoll tinzamm responsabbli flimkien mal-kuntrattur. Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi l-konvenuti huma t-tnejn responsabbli ghal dak li gara u cjoe` ghad-danni sofferti mill-atturi, pero` fi kwoti differenti. Issostni li l-intimat Schembri Infrastructures ghandha tinzamm responsabbli ghal tlett kwarti tad-danni sofferti filwaqt li l-Awtorita` ghandha tinzamm responsabbli ghar-rimanenti kwart stante li hija naqset ukoll meta ma' pprovdietx x'mizuri ghandhom jittiehdu sabiex jigu evitati danni ulterjuri fix-xoghol li kellu jsir. L-Awtorita` ma hadet l-ebda prekawzjoni ghal dak li kellu jsir u kienet negligent li halliet it-triq tinfetah fix-xahar ta' Ottubru bla ma hadet ilqugh ghal propjeta` ta' terzi."* Jirrizulta ghalhekk u b'mod ampju, li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet hadet konjizzjoni tal-fatturi kollha li taw lok ghal kaz odjern w abbazi tar-rizultanzi relattivi, stabbiliet illi r-responsabbilta` ghall-istess, dejjem naturalment fil-konfront tal-atturi esponenti, kellha tigi ripartita, inkwantu ghal tlett kwarti fuq is-socjeta` konvenuta u rimanenti kwart fuq l-Awtorita` konvenuta.

**Ghalhekk** l-imsemmija appellati qed jissottomettu li l-appell intavolat mill-Awtorita` konvenuta ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha u l-ewwel sentenza kkonfermata.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell u l-atti kif kompilati quddiem l-Ewwel Qorti.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** li l-asppellati Schembri Infrastructures Limited ma ppresentawx risposta u lanqas ma interponew appell mis-sentenza appellata.

**Semghat** it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, inkluz id-difensur tal-appellati Schembri Infrastructures.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

L-atturi appellati bil-presenti proceduri, precizament fl-avviz promotur presentat fil-Qorti tal-Maguistrati (l-Ewwel Qorti), qed jitolbu li l-Awtorita' konvenuta appellanti (l-appellanti) u l-konvenuti appellati Schembri Infrastructures (il-kuntratturi), it-tnejn flimkien, jigu kkundannati ihallsu s-somma ta' €4,895.95 rappresentanti danni u spejjez imhallsa mis-socjeta` attrici assikuratrici appellata b'rizultat tal-polza ta' assikurazzjoni f'isem l-appellata attrici Marion Mercieca u l-istess Marion Mercieca (flimkien l-appellati), in konnessjoni mad-danni kkagunati fil-proprjeta` tal-istess Mercieca u cioe' fl-appartament numru 1/85, Birkirkara Hill, San Giljan fl-1 ta' Ottubru 2008, u dan flimkien mal-imghax mill-21 ta' Marzu 2009 u bl-ispejjez.

Bis-sentenza li qed tigi appellata l-Ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti ihallsu s-somma mitluba in kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mis-socjeta` konvenuta Schembri Infrastructures Limited u r-rimanenti kwart (1/4) mill-Awtorita`appellanti oltre ghall-imghaxijiet u l-ispejjez relattivi, ukoll fl-imsemmijha kwoti.

Kif gia' rilevat is-socjeta` konvenuta Schembri Infrastructures ma interponitx appell mis-sentenza u kwindi fil-konfront taghha, is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha titqies li hi finali.

Fl-ewwel aggravju taghha l-Awtorita appellanti tippremetti li l-kuntrattur Schembri kien obbliga ruhu permezz ta' dak li jissejjah "Period Contract of Works" li bih obbliga ruħhu li jesegwixxi xogħolijiet taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif kontenuti fl-istess kuntratt, Il-kuntrattur, skond l-appellanti, obbliga ruhu li jiggarantixxi l-bonta' tax-xogħol tiegħu u li jiġi evitat id-dannu.

F'dan l-ewwel aggravju l-Awtorita' appellanti tissottometti li il-kuntrattur kien responsabbli mis-sit u kwindi l-Ewwel Qorti, dejjem skond l-appellanti, ma tatx l-importanza mistħoqqa u xierqa lil fatt kruċjali li l-kuntrattur intimat naqas li josserva ċerti obbligi u kundizzjonijiet kif kontenuti fl-imsemmi ftehim u għalhekk jsegwi li l-kuntrattur missu hu biss jagħmel tajjeb għad-danni kollha li huwa stess kkaġuna minħabba n-negliġenza tiegħu.

L-Awtorita' appellanti tissottometti ukoll li ma hemm ebda ness ta' kawzalita' bejn l-event dannuz u xi azzjoni jew xi inazzjoni taghha u ghalhekk ukoll hi m'ghandiex twieġeb għal ħsara jew parti mill-ħsara li ġrat bi htija ta' ħaddiehor ossia tal-kuntrattur appellat.

F'dan ir-rigward, da parti taghhom, l-appellati jissottomettu li l-Awtorita' appellanti naqset fid-doveri tagħha bħala awtorita responsabbli għax-xogħolijiet u naqset ukoll fir-rigward ta' sorveljanza adegwata. Isostnu ukoll, bir-ragun kollu. li l-kuntratt ta' xogħol iffirmat mill-Awtorita' appellanti u l-kuntrattur fil-konfront taghhom (l-appellati) hu "res inter alios acta" u kwindi huma mhux effettwati blebda mod mill-istess kuntratt.

Skond l-appellanti l-kuntrattur kien responsabbli mis-sit u kwindi hu biss l-istess kuntrattur li għandu jagħmel tajjeb għad-dannu konsegwenti kagunat minn nuqqasijiet tiegħu stess. L-Awtorita intimata tgħid illi l-kuntrattur naqas milli jieħu prekawzjoni rigwardanti l-hsara li setghet tikkawza l-ilma tax-xita stante li hu dam sabiex ilesti x-xogħolijiet u dan nonstante li jista jinghad li kellu terminu ffissat. Il-kuntrattur kellu ukoll l-obbligu li jkollu permess biex jaghmel ix-xogholijiet in kwetjoni pero' hawnhekk naqas ukoll billi halla l-permess originali jiskadi u ma naqas milli jgeddu.

F'dan ir-rigward l-appellati jsostnu li l-Awtorita appellanti naqset principalment milli tissorvelja akkuratament u sewwa x-xogħol li kien qed jesegwixxi l-kuntrattur. L-appellati jsostnu li kien x'kien in-nuqqas tal-kuntrattur, huma xorta m'ghandhomx jigu affettwati in vista li, kif gia' gie rilevat, dak li ftehmu il-kuntrattur u l-Awtorita appellata bejniethom jirrigwarda lilhom biss.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dawn is-sottomissjonijiet tal-appellati jisthoqqilhom li jigu akkolti. Konsegwentement dak li gie deciz mill-Ewwel Qorti kif ukoll l-prinċipji legali li sostniet jimmeritaw li jigu kkonfermati. L-Ewwel Qorti irriteniet illi l-azzjoni hi actio aquilina, fejn l-oneru tal-prova hu fuq min qed jipproponi l-azzjoni cioe' l-atturi appellati. L-appellati ghandhom jippruvaw li hemm nexus bejn l-aġir tal-appellanti u d-danni konsegwenti. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti għamlet referenza għad-deposizzjoni tax-xhud Perit Antoinette Conti fejn gie kkonfermat li għalkemm ix-xogħolijiet kienu qed isiru mill-kuntrattur, l-Awtorita baqgħet responsabbli għax-xogħolijiet. Hekk hi anke is-sitwazzjonijiet legali stante li jirrizulta li x-xogholijiet gew kommissjonati mill-appellanti li ghalhekk jibqghu dejjem responsabbli ghall-istess xogholijiet.

L-Ewwel Qorti sabet nuqqas da parti tal-kuntrattur kwantu li x-xogħol ma kienx ta'kwalita' tajba, Sabet ukoll nuqqas da parti tal-appellanti Awtorita' fil-fatt li minkejja li jirrizulta li kienet konsapevoli li t-triq kellha thallit bil-wiċċ mikxuf u ma hadet ebda prekawzjoni sabiex jiġu evitati l-eventwali danni. Kwindi l-Ewwel Qorti sabet li l-Awtorita appellanti hi responsabbli flimkien mal-kuntrattur minhabba l-imsemmi nuqqas. In effett jirrizulta li l-Awtorita kienet negliġenti billi naqset li tagixxi nonostante li kienet taf li fejn kienu qed isiru x-xogholijiet in kwestjoni thalla fi stat li facilment setgha jkunu l-kagun ta' danni inkluz danni lill-terzi bhal l-appellata

Mercieca. L-appellanti naqsu peress li t-trieq thalliet mikxufa u dan f'Ottubru mingħajr ma l-appellanti żguraw li jkun hemm ilqugħ appuntu sabiex il-proprjeta' ta terzi tkun protetta. Kwindi l-ewwel aggravju tal-appellanti jimmerita li jigi miċħud stante li jirrizulta li nonostante li l-imsemmi kuntrattur naqas milli jossserva l-obbligi u l-kondizzjonijeit imsemmija fil-ftehim li sar bejnu u bejn l-Awtorita appellanti, li da parti tagħha naqset f'dak kollu li gie korrettement elenkat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha. B'hekk jirriżulta li hemm in-ness ta' kawżalita bejn id-dannu u l-agir jew nuqqas ta' agir tal-Awtorita appellanti.

Fit-tieni aggravju taghhom l-appellanti jilmentaw mill-apporzjonament tar-responsabbilita' tal-Ewwel Qorti, li, skond l-appellanti, bdiet biex tiddikjara li l-obbligu tal-kuntrattur hu li jippresta s-servizzi tieghu b'mod li huwa jaghmel xoghol tajjeb u fin-nuqqas hu jkun responsabbli għad-danni, u wara l-Ewwel Qorti tikkontradici lilha nnfisha meta sabet lill-Awtorita appellanti responsabbli għad-danni għaliex ma ordnatx illi jitgħatta l-wiċċ mikxuf tat-triq. L-appellati, f'dan ir-rigward, jissottomettu li l-appellanti għandhom jinżammu responsabbli minhabba n-nuqqas tagħha li taċċerta li l-kuntrattur kien qed jieħu l-miżuri u jadotta l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa. In effett ma tirriżulta ebda kontradizzjoni fir-raggunar tal-Ewwel Qorti, li sabet kemm lill-Awtorita kif ukoll lill-kuntrattur, it-tnejn responsabbli flimkien għad-danni, pero f'ishma differenti.

Legalment hu possibbli li żewġ entitajiet ikunu flimkien responsabbli għad-dannu li jirrizulta mill-istess fatt, u jista jagħti l-każ ukoll, bħal fil-każ presenti, fejn ir-responsabbilita ta' konvenut wieħed ma teskludix ir-responsabbilita ta' konvenut ieħor. Jirrizulta li l-perit tal-Awtorita kienet tmur kważi kuljum fuq is-sit fejn kienu isiru x-xogħolijiet, pero' jidher li din naqset milli tghati fir-rigward disposizzjonijiet sabiex jittieħdu prekawzjonijiet u b'hekk jiġu evitati danni. L-imsemmija Perit hi ufficjal tal-Awtorita' appellanti, li hi certament responsabbli ghall-impjegati taghha cioe' kemm ghal dak li jaghmlu kif ukoll ghaldak li jonqsu li jaghmlu. Konsegwentement l-Awtorita appellanti m'għandhiex tiġi eżonorata minn kull responsabbilita', u ghalhekk it-tieni aggravju ukoll għandu jiġi miċħud.

Fl-aħħar aggravju taghha l-Awtorita appellanti tissottometti illi l-Ewwel Qorti naqset milli tippronunċja ruħha dwar responsabbilita' meta ikkundanatha biex thallas porzjon ta' danni. Ghal din is-sottiomissjoni l-appellati jirrispondu li l-Ewwel Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatturi kollha li taw lok għall-kawża odjerna u kien wara li kkunsidrat dan, li stabbiliet ir-responsabbilita' fi tliet kwarti fuq il-kuntrattur u r-rimanenti kwart fuq l-Awtorita. Di fatti l-Ewwel Qorti ezaminat
Bir-reqqa u fid-dettal il-kwestjoni tar-respobnsabilta' u kjarament waslet ghall-konkluzjonijiet taghha inkluz li sabet lill-appellanti respobsabbli ukoll ghad-danni u spejjez kif mitlubin mill-appellati fl-avviz taghhom. Mit-termini uzati fis-sentenza appellata jidher car li ghall-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellanti ghandhom jitqiesu li huma responsabbli in parte ghad-dann in kwestjoni.

Ghalhekk hi l-opinjoni tal-Qorti li dak li gie sottomess mill-appellanti fir-rigward ta' dan l-ahhar aggravju m'għandux jigi akkolt. Fost konsiderazzjonijiet ohra, l-Ewwel Qorti rriteniet li hu minnu li l-Perit tal-Awtorita kienet tmur fuq is-sit kważi kuljum, pero' meta rat illi t-triq kellha l-wiċċ mikxuf kellha tiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jigi evitat li jigu kkawzati danni. In effett l-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet propju ghal din ir-raġuni li waslet ghall-konkluzjoni li l-Awtorita appellanti kellha tinżamm repsonsabbli flimkien mal-kuntrattur. Kwindi dan l-aggravju għandu jiġi miċħud stante illi l-Ewwel Qorti effettivament ippronunċjat ruħha dwar ir-responsabbilita tal-awtorita' appellanti.

**Ghal dawn il-motivi kollha:-**

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-Aworita Ghat-Trasport f'Malta u fl-istess hin tikkonferma "in toto" s-sentenza appellata cioe' dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet premessi.

L-ispejjez kollha ta dan l-appell jithallsu mill-Awtorita appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------